Minuti tal-laqgħa numru disgħa u tletin (39) tal-Kunsill Lokali tar-Rabat (KLR) li nżammet nhar l-Erbgħa, 28 ta' Lulju 2021 fis-6.30pm, fi 34, Triq Inguanez, ir-Rabat, Malta.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Is-Sur Sandro Craus | Sindku |
| | Is-Sur Matthew Chetcuti | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Chris Farrugia | Kunsillier |
| | Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| | Is-Sa Doris Coleiro | Kunsillier |
| | Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| | Is-Sur Rudolph Grima | Kunsillier |
| | Is-Sur Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv (SE) |
| SKUŻAT: | Is-Sur Kris Grech | Kunsillier |

39.01 **Talba u Qari tal-ittri ta' apoloġija**

Talba u apoloġiji

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus, il-Viċi Sindku, il-kunsillieri u s-SE qalu t-talba flimkien. Is-SE informa lill-kunsillieri illi irċieva messaġġ fuq il-*mobile* mingħand is-Sur Chris Grech sabiex ikun skużat illejla. It-talba intlaqgħet unanimament.

39.02 **Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti tas-seduta numru sebgħa u tletin (38)**

Minuti

Il-minuti tas-seduta numru tmienja u tletin (38) kienu mqassma mal-agenda biex il-kunsillieri setgħu jaqrawhom. Dawn kienu kkunsidrati kif inhuma u kienu unanimament approvati u ffirmati wara li kienu proposti mis-Sindku, is-Sur Sandro Craus u ssekondati mis-Sur Ian Vassallo.

**Punti mill-Minuti**

39.02.01 Is-Sur Rudolph Grima filwaqt li ddikjara li ma kienx preżenti fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill, xtaq jagħmel klarifika dwar il-ħruġ tal-imwejjed u s-siġġijiet fi Triq in-Nigret minn Ta' Wistin Bar fi Vjal il-Ħaddiem . Hu semma' oġġezzjoni li kienet saret fil-passat fejn Ta' Doni, fi Triq San Pawl dwar stabbiliment. Dan kien bidel l-idejn u s-sidien il-ġodda kienu ġabu l-istess permess u fil-fatt illum hemm pjattaforma daqshiex. Reġgħet issemmiet mis-Sindku, s-Sur Sandro Craus il-pjattaforma fi Triq il-Kbira li bħala Kunsill oġġezzjonajna għaliha, saret oħra fi Triq it-Torri l-Aħmar u riċentement dik fi Triq San Pawl viċin is-Serkin li kienet deskritta wkoll bħala waħda perikoluża. F'dan il-punt, is-Sur Chris Farrugia qal illi kull każ irid jittieħed *on its own merits* filwaqt li jrid ikun hawn linji gwida. Is-Sur Sandro Craus qal illi mhux kull darba qed inkunu mistiedna sabiex ngħaddu l-kummenti tagħna u dan hu nuqqas mill-awtoritajiet.

39.03 **Approvazzjoni taċ-ċedoli tal-pagamenti numru 326 u tal-*Works/Purchase Orders* numru 45**

Ċedola tal-Pagamenti

Iċ-ċedola tal-pagamenti numru 326 u l-iskeda tax-xogħlijiet numru 45 kienu approvati unanimament.

39.04 **Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

39.04.01 Is-Sur Nazju Cassar semma' l-*wheelie bin* li hemm faċċata taċ-*Chick King* fil-Pjazza tas-Saqqajja. Hu qal illi dan qed jitħalla barra fuq il-*promenade* u jkun hemm riħa tinten li ħadd ma jista joħroġ jieħu ftit nifs fil-jiem sħan tas-Sajf. Hu qal li avviċina lis-sid tal-

Wheelie Bin – Chick King



Kunsill Lokali tar-Rabat; 30, Triq Inguanez, ir-Rabat; Tel: 21455000; E-mail: rabat.malta.lc@gov.mt

istabbliment u dan ma ħadux bil-ħlewwa u baqa' jwebbes rasu. Se tinkiteb ittra mill-uffiċċju tagħna biex il-*wheelie bin* ma jitħalliex fuq il-promenade tas-Saqqajja.

39.04.02 Is-Sur Ian Vassallo staqsa jekk hux veru li hemm xi struzzjonijiet biex ir-*refuse collection vehicle* tagħsar l-iskart fi Triq San Trofimu fejn fil-ġimgħat li għaddew kien seħħ inċident u waqt li kienet qed tagħsar din il-vettura inqasmilha *hose pipe* tal-arja u ħareġ il-meraq kollu mit-trakk. Għal din il-mistoqsija, it-tweġiba kienet illi ma jeżistux dawn l-istruzzjonijiet. Tagħsir ta' skart mill-RCV fi Triq San Trofimu

39.05 **Talba għal kumpens – inċident b'vettura (Ms Romina Psaila)** Inċident b'vettura

Kien innutat illi r-rapport tal-Pulizija ingħata ġurnata tard. Se jkun identifikat is-sit eżatt biex naraw jekk hux magħna jew ma Ħad-Dingli peress li dik it-triq hija diviżorja.

39.06 **Co-Option biex jimtela' s-siġġu tas-Sur Alan Said** Co-option kunsillier

Is-Sur Ian Vassallo ippropona lis-Sa Janice Busuttil u is-Sur Rudolph Grima issekonda filwaqt li l-Kunsill Lokali tar-Rabat approvaha b'vot unanimu. Se jsir kuntatt magħha biex tingħata l-ġurament u tagħtina id-dettalji tagħha.

39.07 **Diżinn tal-Perit Charles Buhagiar għall-ġnien f'Misraħ San Duminku** Misraħ San Duminku

Id-diżinn kien mifli mil-kunsillieri preżenti u kien innotat il-ħolqien ta' kaskata u rokna għal-logħob tat-tfal (playground) żgħira ħafna f'nofs il-ġnien eżistenti. Se mmexxu fuq dan id-diżinn mal-Awtorità tal-Ippjanar.

39.08 **Reviżjoni fit-tariffi tal-bye-law tar-reklamar tal-għamara tat-toroq** Bye-law

Il-Kunsill Lokali tar-Rabat qabel mat-tariffi l-ġodda (rounded up) biex ma jkunx hemm ħafna diffikultà bil-bqija. Dan għaliex l-istess *bye-law* kienet daħlet fis-seħħ qabel il-qalba għall-ewro fl-2008. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi rridu naħsbu f'bye-law għall-użu tal-faċilitajiet pubbliċi għal per eżempju xi okkażjoni bħal festin ta' tieġ, magħmudija ecc.

39.09 **Proposta minn Green MT għall-bidla fil-ġurnata tal-ġbir tal-ħġieġ riċiklabbli mil-Ġimgħa għat-Tlieta** Skeda ġbir ta' skart

Il-Kunsill mhux tal-ideja li jkun hemm din il-bidla għaliex issa r-residenti issa draw l-iskeda tal-iskart li ilha tiġi addottata sa minn diversi snin ilu sakemm din ma tkunx imposta mill-ERA jew il-Wasteserv.

39.10 **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tar-Rapport tal-offerta pubblika għax-xiri ta' żewġ vetturi elettriċi għall-Kunsilli tar-Rabat u l-Imdina – RLC/T/0200/21** Vettura elettrika

Il-Kunsill Lokali tar-Rabat laqa' r-rakkomandazzjoni tal-bord u dan il-kuntratt għal vettura tal-batterija għar-Rabat u oħra għall-Imdina, se jingħata lil Motors Inc Ltd għal €54,624.00 u l-Vat. Il-Kunsill se joħroġ id-differenza tal-*grant.*

39.11 **Applikazzjoni għad-devoluzzjoni tal-Pjazza tas-Saqqajja** Pjazza Saqqajja

Il-Kunsill kien infurmat illi rridu nitolbu d-devoluzzjoni mid-Dipartiment Gvern Lokali biex imbgħad il-Perit tal-Kunsill, is-Sur Charles Buhagiar ikun jista' japplika mal-Awtorità tal-Ippjanar wara li timtela' l-applikazzjoni tal-Awtorità tal-Artijiet. Għaldaqstant kien hemm qbil unanimu illi s-sit ikun amministrat mil-KLR.

39.12 **Rapport Finanzjarju ta' Lulju 2021 mill-*Accountant* tal-Kunsill** Qagħda finanzjarja Lulju 2021

Il-Kunsill Lokali tar-Rabat ikkunsidra r-rapport finanzjarju għax-xahar ta' Lulju, 2021 li juri illi d-dħul tal-Kunsill kien ta' €104,617 u l-infieq kien dak ta' €306,614. Din in-nefqa li hija ogħla minn dik normali, hi dovuti għat-twaħħil ta' lanterni dekorattivi li swew €146,910, fi Triq Santa Rita u l-embellishment fi Triq Santa Rita li swiet €30,706 u x-xiri tal-van li sewa €20,000. Ir-rapport kien



Kunsill Lokali tar-Rabat; 30, Triq Inguanez, ir-Rabat; Tel: 21455000; E-mail: rabat.malta.lc@gov.mt

approvat b'vot unanimu.

39.13 **Punti Oħra**

39.13.01 Dwar il-proġett tad-*Day Centre* bejn l-appartamenti t'Għajn Qajjet, is-Sindku, is-Sur Sandro Craus informa lill-kunsillieri illi wieħed mill-*garages* hu okkupat mis-Sur Emanuel Genovese biex isir it-tagħlim tal-presepji. Is-Sur Genovese qed ikun imħajjar jitlaq mis-sit u bħala alternattiva kien indikat post fi Triq l-Isptar li għandu jaqdi tajjeb l-istess ħtiġijiet għal dan il-passatemp u fl-istess ħin hu aktar ċentrali. Dan il-vojt f'Għajn Qajjet jagħmilha aktar faċli għall-KLR illi jokkupa l-blokka kollha dment li jkun *evicted* xi ħaddieħor illi jidher li mhux qed jagħmel użu tajjeb mis-sit u ħalla ħafna imbarazz fil-*garage.* Day Centre

39.13.02 Is-Sindku semma' l-Iskola Primarja A u qal illi rridu naraw x'qed ikun propost f'din l-iskola li l-istudenti tagħha se jiċċaqalqu għal skola oħra. Ma jistax ikun illi dan is-sit tant ċentrali fir-Rabat ma jsirx użu tajjeb minnu. Skola Primarja A

39.13.03 Bħala programm ta' rkupru wara l-pandemija tal-Covid 19, iż-żgħażagħ jibqgħu fuq nett tal-agenda. Hawn intqal illi dawn iridu jerġgħu isibu posthom bħal qabel minkejja li aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar qed jonqos ix-xogħol volontarju minn dawn iż-żgħażagħ għal diversi raġunijiet, fosthom bl-użu tal-*mobiles* u l-*lap tops*. Kien innotat illi dawn m'għadhomx jiltaqgħu f'Sant Agatha, f'San Duminku u ħafna drabi lanqas fil-każini u NGOs oħra. Programm ta' Rkupru

39.13.04 L-ismijiet proposti għal diversi daħliet f'Wied il-Qlejgħa, issa kienu sottomessi lill-awtoritatjiet għall-approvazzjoni. Ismijiet għal Wied il-Qlejgħa

39.13.05 Il-proposta ta' arbli solari fil-kampanja qed naħdmu fuqha mal-Aġenzija tal-Ilma u l-Enerġija. Is-sit oriġinalment magħżul f'Landrijiet kien skartat għaliex il-Gvern Ċentrali qed jagħmel l-arbli bil-*wires* mgħoddijin taħt l-art. Madankollu qed nindikaw Tas-Salib bħala alternattiva. Is-Sindku informa li dawn se jsiru f'Ottubru. Arbli solari

39.13.06 Issemmiet il-pjattaforma illi kienu għamlu fil-Fiddien quddiem il-pont tal-Wied tal-Qlejgħa. Il-KLR se jinforma lill-EWA sabiex titkisser u dik il-wesgħa tikber kif kienet skont ir-*road alignment* antik li kien hemm. Wied il-Fiddien

39.13.07 Is-Sur Rudolph Grima semma' l-problema ta' Triq Saura. Hu qal illi minn pariri li ħa minn periti li jifhmu, il-*piles* li saru huma kollha għal xejn jekk ma jitkompliex il-proġett u jingħaqdu minn waħda għall-oħra. Dan ingħad għas-sit fejn kienet ċediet it-triq u sar intervent minn Infrastruttura Malta matul il-bidu tal-2021. Il-KLR se jitlob formalment biex il-*piles* ikunu magħquda ma' xulxin ħalli nissalvagwardjaw l-infrastruttura li swiet eluf ta' ewros. Piles fi Triq Saura

39.13.08 Is-Sur Rudolph Grima insista sabiex issir l-applikazzjoni għall-iskedar kif miftiehem fl-inħawi ta' Triq Cosmana Navarra, u Sqaq fi Triq San Franġisk. Hu qal illi issa stennejna biżżejjed, filwaqt li s-SE qal li dan irid isir mil-Perit li kontinwament qed nibgħatulu r-*reminders.* Skedar ta' postijiet fir-Rabat

39.13.09 Għall-intervent tas-Sur Rudolph Grima, is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi wara l-ispiża li għamilna biex waħħalna diversi lanterni tad-dawl fuq stil antik fir-Rabat, issa jmiss illi jispustjaw ruħhom dawk ta' quddiem il-Bażilika ta' San Pawl u jitwaħħlu dawk fi Triq il-Katakombi, Triq il-Kulleġġ, tnejn quddiem il-Knisja ta' Santu Wistin, ta' San Franġisk, ta' San Duminku u quddiem il-monument ta' Dun Ġużeppi Depiro. Lanterni tad-dawl tat-toroq

39.13.10 Is-Sur Ian Vassallo semma' l-*parking bays* li tpoġġew minn Infrastruttura Malta fi Triq San Trofimu. Hu qal li anke quddiem l-intrapriża li tbiegħ is-*soft drinks* għad hemm problema bil-linji s-sofor li hemm. Dawn flimkien ma' dawk ta' Triq San Tumas fejn Linji tat-traffiku ħżiena minn IM

hemm anke saħansitra l-i*stop* miktuba f'*parking bay* u anke Triq San Piju V, iridu jitranġaw minnufih.

39.13.11 Is-Sur Christopher Farrugia tkellem għar-resident li hemm fi Pjazza tal-Parroċċa. Hu qal illi dan jinħtieġ li jsirlu *culvert* addizzjonali minħabba l-ilma tax-xita li jakkumula quddiemu min-naħa ta' Pjazza San Katald konfrontat ma' dak li jinżel minn Triq il-Kulleġġ. — Culvert propost fil-Pjazza tal-Parroċċa.

39.13.12 Kien hemm propost mis-Sur Christopher Farrugia li jsir *doggie bin* fejn is-Seminarju f'Tal-Virtù, fl-istess triq viċin il-kamra l-imwaqqa quddiem il-kastell, ieħor fi Pjazza Anton Agius quddiem Triq Zondadari, ieħor propost mis-Sur Ian Vassallo fi Vjal il-Ħaddiem minn fejn kien inqala' dak li kien hemm viċin Triq Għar Barka, żewġ imirja mis-Sur Nazju Cassar fil-parkeġġ fi Vjal il-Ħaddiem viċin il-KVH Computers, filwaqt li kien irrappurtat illi MTIP issa fetħu is-service road fi Triq il-Ħobbejża li kienet magħluqa bis-siġar. — Doggie bins, imirja, ftuħ ta' Triq il-Ħobbejża

39.13.13 Is-Sur Christopher Farrugia tkellem dwar iż-żebgħa tat-toroq li hemm bżonn tkun rinfriskata fuq il-lapidi li hawn fir-Rabat. Hu qal illi is-Sur Joe Debono lest li jagħti dan is-servizz. Se jkun kuntattjat ħalli nibdew dan il-proġett ta' restawr. — Żebgħa fuq lapidi fir-Rabat

39.13.14 Dwar il-pubblikazzjoni riċerkata *Rabat Sacrum*, l-uffiċċju se jerġa' jagħmel kuntatt mas-Sur Daniel Cilia biex naraw fhiex wasalna f'dan il-proġett. Is-suġġett kien imqajjem mis-Sur Christopher Farrugia — Rabat Sacrum

39.13.15 Il-Viċi Sindku, is-Sur Matthew Chetcuti tkellem fuq il-bżonn li jkun hemm iż-żbir ta' siġra taż-żebbuġ fi Vjal il-Ħaddiem. Hu qal illi ħadd ma jista' jgħaddi minn taħtha minħabba z-zkuk li ħarġu 'il barra. — Żbir ta' Siġra fi Vjal il-Ħaddiem

39.13.16 Il-Viċi Sindku, is-Sur Matthew Chetcuti semma' r-rampa li hemm bżonn li ssir biex il-binja tal-Kunsill li se tkun restawrata, tiġi aċċessibbli. Dan irid jittieħed on board mill-Perit Charles Buhagiar biex niżguraw ruħna li l-binja se taqdi lil kulħadd. — Aċċessibilta' fil-Muniċipju

39.13.17 Is-Sur Nazju Cassar talab li jerġa' jitwaħħal il-puġġaman fl-aċċessi bejn Triq Santa Rita u Triq ir-Rebħa. Dawn inqalgħu temporanjament sakemm isiru x-xogħlijiet ta' tisbieħ fit-taraġ/rampa. — Puġġaman

39.13.18 Is-Sur Nazju Cassar talab żewġ jardi konkos biex ikun hemm aċċess fl-għalqa ta' bidwi bejn it-triq u l-ħajt tas-sejjiegħ fl-inħawi tal-Virtù. — Konkos f'daħla ta' għalqa

39.14 **Tmiem il-laqgħa u konferma tad-data pu l-ħin tas-seduta li jmiss wara li kienet iffissata diġa' fil-laqgħa preċedenti** — Aġġornament

Il-laqgħa li jmiss tal-Kunsill Lokali tar-Rabat se ssiru nhar 2 ta' Settembru fis-6.00pm u din il-laqgħa ntemmet fit-8.45pm.

**(IFFIRMATA)** **(IFFIRMATA)**

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 2 ta' Settembru, 2021 minn Sandro Craus
Segretarju Eżekuttiv Sindku